MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 323/2000/1

Avviz Nru:-323/00DM

Korporazzjoni Enemalta
vs
Omnitech Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta’ tlett mija u erba’ u erbghin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm344.42) rapprezentanti danni minnhu jew minn impjegati tieghu ikkagunati f’cable tal-elettriku propjeta tal-korporazzjoni attrici u dana sehh nhar it-3 ta’ Settembru 1998 gewwa Hal Far, kif ukoll jhallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali sal – pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali ta’ 27 ta’ Ottubru 1999 u tal-ittra bonarja tat-30 t’Awissu 1999, u kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-hsara kkagunata giet hekk ikkawzata minghajr tort u htija tas-socjeta konvenuta;
2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kumpanija Medina Foods Limited kienet inkarigata lill-kumpanija konvenuta, Omnitech Limited, sabiex taghmel 'earth electrode' ghas-sistema elettriku tal-fabbrika taghhom. Jirrizulta wkoll illi, meta l-kumpanija Omnitech ghamlet dan ix-xoghol u haffret it-toqba fil-fabbrika biex taghmel dan l-earth electrode, intlaqat il-cable tal-kumpanija attrici u gie danneggjat.

Dak li trid tiddertermina din il-Qorti huwa jekk il-konvenuti fix-xogholijiet li kienu qed jesegwixxu kienux osservaw dak kollu li jiddettaw l-arti w is-sengha u jekk tirrisultax xi traskuragni jew nuqqas ta' osservanza ta' xi regolamenti da parti tal-istess konvenuti fl-esekuzzjoni tal-istess xoghol.

L-atturi qed jghamlu hafna enfasi f'dan il-kaz fuq il-fatt illi l-kumpanija konvenuta ma kienetx ghamlet ebda applikazzjoni biex jigu identifikati l-cables tal-Enemalta qabel ma bdiet tezegwixxi x-xogholijiet.

F'dan ir-rigward irid jinghad illi l-obbligu li wiehed japplika ghal identifikar tal-cables huwa biss f'kazijiet fejn ix-xogholijiet ikunu qed isiru f'proprjeta' pubblika, generalment fit-triq, fejn huwa mistenni li jkunu ghaddejjin is-servizzi komprizi l-cables tal-korporazzjoni attrici.

F'dan il-kaz, fejn ix-xogholijiet prospettati kienu ser isiru internament gewwa l- grounds ta' fabbrika, din l-applikazzjoni ghal identifikar tal-cables ma kienetx rikjesta. Infatti lanqas ma kellu jkun aspettat illi cable principali tal-elettriku biex jissuplixxi fabbriki fil-vicinanzi, minflokk jghaddi minn triq jew passaggi pubblici, jghaddi minn gewwa l- proprjeta' f'idejn Medina Foods, ossia mill-art maghluqa ta' fabbrika.

Izda jista' jghati l-kaz ukoll illi setgha kien hemm indikazzjonijiet li kellhom javzaw lill-konvenuti illi kien hemm il-cable tal-atturi ghaddej mill-inhawi fejn kienu qed ihaffru. F'dan il-kaz, in-nuqqas li jiehdu l-prekawzjonijiet necessarji setgha jabbihom b'xi responsabbilta'.

Izda l-provi prodotti ma jindikaw ebda cirkostanza li setghet b'xi mod tindika lill-konvenuti l-prezenza tal-cable tal-Enemalta fil-“grounds” tal-fabbrika; anzi mid-deposizzjoni ta' David Gauci jirrizulta ampjament illi l-kumpanija konvenuta kienet esegwiet ix-xoghol skond l-arti w is-sengha u hadet il-prekawzjonijiet kollha necessarji; infatti anke wara l-istallazzjoni tal-earth electrode ma kien hemmx xi indikazzjoni ta' xi cable li setgha gie milqut.

Inoltre din il-Qorti tirrileva wkoll illi dan il-cable kien ghaddej f'distanza ta' 10 metri l-gewwa mill-konfini tal-fabbrika u vicin hafna tal-pedament tal-istess fabbrika u l-indikazzjonijiet huma illi fil-fatt dan l-istess cable setgha kien gie mqieghed kontra dak li tirrikjedi l-arti w is-sengha.

Ghaldaqstant issib illi l-kumpanija konvenuta ma ghandha ebda responsabbilta' ghal hsarat li sofriet l-attrici u konsegwentement tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg  Civ41